

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1995**tas-17 ta' Ottubru 2022****li taħtar tliet rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra n-nomini ppreżentati lill-Kunsill mill-Bulgarija, iċ-Ċekja u l-Irlanda,

Billi:

- (1) Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-indipendenza, il-kwalità xjentifika għolja, it-trasparenza u l-effiċjenza tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Huwa wkoll indispensabbli li tiġi żgurata l-kooperazzjoni tal-EFSA mal-Istati Membri.
- (2) L-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jirrikjedi li kull Stat Membru jinnomina membru u membru supplenti bħala r-rappreżentanti tiegħu għall-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA. Il-membri u l-membri supplenti hekk innominati jinħatru mill-Kunsill għal perjodu ta' erba' snin, li jista' jiġġedded, u għandhom id-dritt tal-vot.
- (3) Il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022 ⁽²⁾, ħatar rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2026.
- (4) Fl-1 ta' Mejju 2022, ġie nieqes is-Sur Georgi GEORGIEV, il-membru għall-Bulgarija.
- (5) Permezz ta' ittra datata t-23 ta' Awwissu 2022, is-Sa Patricia REILLY, il-membru supplenti għall-Irlanda, tat ir-riżenja tagħha.
- (6) Permezz ta' ittra datata l-15 ta' Settembru 2022, is-Sa Jitka GÖTZOVÁ, il-membru supplenti għaċ-Ċekja, tat ir-riżenja tagħha.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li jinħatru tliet rappreżentanti ġodda biex iservu għall-bqija tal-mandat tal-predeċessuri rispettivi tagħhom.
- (8) Ir-rappreżentanti li ġew innominati mill-Bulgarija, iċ-Ċekja u l-Irlanda għandhom esperjenza u għarfien espert rilevanti u estensivi fil-qasam tal-liġi u l-politika tal-katina alimentari, inkluż il-valutazzjoni tar-riskju, kif ukoll fl-oqsma ta' kwistjonijiet manigġerjali, amministrattivi, finanzjarji u legali. Għaldaqstant, il-ħatra tagħhom tiżgura l-ogħla standards ta' kompetenza u l-aktar firxa wiesgħa ta' esperjenza rilevanti disponibbli fi ħdan il-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura membru tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel sat-30 ta' Ġunju 2026:

— Is-Sur Koycho Koev (il-Bulgarija).

⁽¹⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' April 2022 li taħtar rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (ĠU C 159, 12.4.2022, p. 6).

Artikolu 2

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħturin bħala membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel sat-30 ta' Ġunju 2026:

- Is-Sur Martin ŠTĚPÁNEK (iċ-Ċekja),
- Is-Sa Geraldine DUFFY (l-Irlanda).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. NEKULA
